MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru 375/2005

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
VS
FELIX DELIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Felix Delia, ta’ 39 sena, iben Emmanuel u Rita nee’ Bugelli, imwieled Haz-Zabbar nhar il-21 ta’ Gunju, 1965, residenti fl-indirizz numru 30, Triq id-Dejqa, Haz-Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 307765(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-Bidni, limiti ta’ Marsaskala, kif ukoll f’Haz-Zabbar u f’Bormla nhar il-Hadd 24 ta’ April, 2005 ghall-habta ta’ xi t-tlieta ta’ wara nofsinhar kif ukoll ta’ xi l-hdax ta’ filghaxija:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe li jaghmel ferita gravi fuq il-partner tieghu Maria Muscat minn Bormla u wkoll fuq uliedhom minuri Marcelle ta' sitt xhur, Paul ta' sentejn u Letizia ta' sitt snin, saq il-vann tieghu Morris Mini bin-numru tar-registrazzjoni GAE-507 fid-direzzjoni tal-vettura taghha ta' l-ghamla Mitsubishi Colt bin-numru BBG-742 filwaqt li hija kienet fl-imsemmija vettura ma' uliedha minuri msemmija, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta saq il-vettura tieghu ghal fuq l-imsemmija vettura ghad-dannu ta' l-imsemmija Maria Muscat, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira izda huwa ta' izjed minn hamsin lira;
3. Fil-hin li ghamel l-imsemmi delitt, kellu fil-pussess tieghu arma li taqta' u li tniggez (mingel u sikkina) minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. Saq il-vettura tieghu Morris Mini numru GAE-507 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u wkoll b'manjiera perikoluza;
5. Saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;
6. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu l-kontroll tal-vettura ta' l-ghamla Morris Mini bin-numru tar-registrazzjoni GAE-507, jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
7. Hebb ghall-istess Maria Muscat sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;
8. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn l-ahhar tlett xhur hedded lill-istess Maria Muscat bil-mewt;
9. Kiser volontarjament il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat glied jew b'mod iehor;
10. Ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;
11. Qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha;
12. Talli huwa sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kap.IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta,

diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Felix Delia mil-licenzja tas-sewqan kollha tieghu, jew milli jottjeni licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk jinstab hati.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex jekk jidhrilha li huwa xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-istess Maria Muscat u ta' uliedha minorenni, u sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.101) fejn il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 15 ta' Settembru, 2009 (a fol.98) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Anthony Cassar jirrizulta li fit-25 ta' April 2005, Maria Muscat minn Bormla rrapurtat lil Pulizija illi kellha argument mal-*partner* taghha Felix Delia li heddidha b'sikkina. Maria Muscat stqarret lil Pulizija illi hija harbet minn fuq il-post bil-karozza taghha, flimkien ma' tlett (3) uliedha minorenni. Illi mat-triq, l-imputat cemplilha u qalilha illi kien wettaq diversi hsarat fid-dar taghha. Maria Muscat, meta waslet id-dar, osservat li xi hadd kien ipprova jizgassa t-twieqi tad-dar taghha. Muscat infurmat lil Pulizija illi Delia rega'

mar fejn ir-residenza taghha u hemmhekk baqa jheddidha bil-kliem:

*"**Nifqa lilek u l-karozza li ghandek**."* (a fol.10)

Illi ghaldaqstant hija marret taghmel rapport l-Ghassa u kien f'dan il-hin illi giet segwitha mill-imputat li kien bil-karozza tieghu Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni GAE-507 u saq apposta ghal fuq il-vettura taghha u habat maghha fuq in-naha tal-bieba tal-passiggier u dana minkejja li fuq dan is-*seat* ta' quddiem kien hemm tarbija ta' sitt (6) xhur, waqt li fuq is-*seat* ta' wara kien hemm zewg (2) tfal ohra zghar. Il-hsarat fuq il-karozza ta' Muscat, Mitsubishi Colt bin-numru tar-registrazzjoni BBG-742, garbet hamsin lira (Lm50) hsara. Muscat informat lil Pulizija illi hija regghet ipprovat issuq bil-karozza taghha minn fuq il-post, fejn Delia regghet habat mal-karozza ta' Muscat ghat-tieni darba, attenta illi jerga' jaghmel dana ghat-tielet darba, izda ma rnexxielux minhabba li intervjenew il-Pulizija. Maria Muscat informat lil Pulizija, illi minkejja t-theddid kontinwu ta' Delia, hija ma kinitx tirraporta lil Pulizija il-ghaliex Delia kien qieghed taht kundizzjonijiet imposti fuqu skond digriet tal-liberta' provvisorja, quddiem Qorti kif diversament preseduta. Muscat informat lil Pulizija illi Delia kien mar ghand it-tabib sabiex dana jirriferieh ghal Mount. Carmel, izda t-tabib irrifjuta li jaghmel dan.

L-imputat gie arrestat u rrilaxxa stqarrija. Huwa ammetta illi kien hebb ghal Muscat, izda rrifjuta li jirrispondi ghal domandi ulterjuri il-ghaliex qal li kien qed ihossu mwahhad u fil-fatt gie riferut lil Mount. Carmel Hospital.

Gie ezebit Dok.AC, certifikat tal-Psikjatra Dr.Saliba, stqarrija ta' l-imputat Dok.AC1, il-fedina penali ta' l-imputat Dok.AC2 u att tat-twelid Dok.AC3

In kontro ezami, l-Ufficjal Prosekutur innega li Maria Muscat xtaqet tahfer lill-imputat.

Ic-certifikat Dok.AC (a fol.14) ta’ Dr. Saliba ddikjara illi l-imputat kien:

***“fit to plead and there is no medical or psychiatric reason why he should not attend Court…”*** (ara fol.14)

Maria Muscat (a fol.19) xehedet illi fl-24 ta’ April 2005, l-imputat kien xorob u kien saq, bil-karozza tieghu, ghal fuq il-karozza taghha, li fiha, apparti hi, kien hemm tlett (3) itrabi. Muscat xehedet illi Muscat jixrob ammont konsiderevoli ta’ xorb u cioe zewgt iflixken inbid u li l-imputat, ghajr ghax-xorb,
***“Ma ghandi xejn kontrih ghax ghajnuna hafna minghandu nsib, sia jiena u sia t-tfal,”***

u jidher illi kif jixrob l-imgieba ta’ l-imputat tinbidel b’mod radikali. A fol.21, Muscat xehedet illi, waqt l-argument, bejna u bejn l-imputat, l-imputat ma kellu xejn f’idejh. Muscat xehedet illi l-imputat jheddidha bi kliem:

***“Noqtlok, nitfak go wheelchair,”***

u dana dejjem meta jkun xurban. A fol.22, ammettiet illi dakinhar ta’ l-incident, l-imputat heddidha b’sikkina f’idejh. Maria Muscat xehedet illi meta l-imputat saq ghal fuqha, l-impatt fuq il-karozza taghha, kien fuq il-*mudguard* ta’ quddiem u mhux fuq il-bieba tal-passiggier fejn kien hemm it-tarbija taghha ta’ sitt (6) xhur. Hija kkonfermat illi hadd ma wegga’ f’dan l-incident. Maria Muscat hafret lill-imputat, pero’ xtaqet illi huwa jibda Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra x-Xorb Alkoholiku u hija kienet lesta li tirrikoncilja ma’ l-imputat.

PS1428 Jesmond Delia (a fol.24) ikkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat u li l-istess imputat kien ittiehed Mount. Carmel Hospital.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tal-liberta’ provisorja ta’ l-imputat, kondizzjonat bi premura li l-imputat isegwi Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra x-Xorb Alkoholiku. Il-Qorti rat ittra tas-6 ta’ Gunju 2005 (a fol.38) fejn l-imputat

kien qieghed isegwi terapija fi gruppi il-ghaliex ma kienx hemm *vacancy* ghal programm residenzjali.

Brian Farrugia (a fol.58) ikkonferma illi l-karozza GAE-507 qeghedha rregistrata f'isem l-imputat fi zmien rilevanti.

PC 871 Anthony Micallef (a fol.60) ikkonferma, permezz ta' Dok.PC, illi l-imputat ma kellux licenza biex igorr arma jew strument li jaqta' jew bil-ponta.

PS 91 Michael Buttigieg, ikkonferma r-rapport ta' Maria Muscat u ezebixxa l-okkorrenza ta' l-istess a fol.64.

Spettur Anthony Cassar ezebixxa sentenzi Dok.ACX u Dok.ACX1

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma pproduca ebda testimonjanza.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta, b'mod anke ampju, illi l-imputat, wara argument illi kellu mal-*partner* tieghu, Maria Muscat, heddidha b'sikkina u meta harbet minn fuq il-post mill-karozza taghha, flimkien ma' tlett (3) itfal zghar, l-imputat segwiha bil-karozza tieghu, habat mall-vettura taghha, fuq in-naha tal-passiggier u dana minkejja li fuq dan is-*seat* kien hemm tarbija ta' sitt xhur, filwaqt li fuq is-*seats* ta' wara kien hemm zewgt itfal ohra.

Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien hebb ghal Muscat, izda ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda ohra.

Dr. Saliba, fic-certifikati mahruga minnu, ikkonferma illi l-imputat kien:

*"Fit to plead and there is no medical or psychiatric reason why he should not attend Court"* (ara Dok.AC a fol.14)

Illi fix-xhieda taghha, l-kwerelanti, Maria Muscat, tikkonferma illi l-imputat, meta ma jkunx taht l-influwenza ta’ l-alkohol, huwa ragel sew u qalbu tajba, izda jkun agressiv u ma jibqax jirraguna meta jkun qed jixrob. Ikkonfermat illi l-imputat kien jghinha hafna bit-tfal taghha u ghazlet li tahfirlu. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-manjiera illi biha, Maria Muscat, tat it-testimonjanza taghha, li kienet wahda illi din il-Qorti qieset bhala veritiera.

Illi l-imputat ma ghamel ebda tentattiv biex, b’xi mod, jirribadixxi l-provi migjuba kontra tieghu.

Il-fatti spece ta’ dan il-kaz huma tali illi din il-Qorti hija accertata illi l-imputat, meta saq fuq il-karozza ta’ Maria Muscat bil-karozza tieghu, kellu intenzjoni specifika biex iwegga’ u biex jinfliggi feriti ta’ natura gravi, liema konsegwenza pero’ ma sehhitx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Illi minkejja l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa diversi sentenzi, ma jidhirx illi saret ix-xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-imputat fil-konfront tas-sentenzi kollha ezebiti u ghaldaqstant din il-Qorti ma tistghax issib htija fl-akkuza ta’ recediva.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Felix Delia**, hati skond l-akkuza ghajr dik ta’ recediva u wara li rat Artikoli 28A, 41(1)(a), 214, 218, 225, 325, 338(bb), 338(dd), 339(1)(d) u 342 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 15(1)(a), 15A, 15H, 54 u 55 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 13 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 127 dwar il-Vetturi tal-Mutur, **tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.**

In oltre’, l-Qorti tissosspendi l-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat ghal perijodu ta’ sena mid-data ta’ din is-sentenza u tikkundannah ihallas multa ta’ hames mija tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu. (€ 582.34)

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali ta’ l-imputat u **partikolarment il-mahfra da parti tal-kwerelanti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------